MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 389/2009

**Firm Camilleri Bros (Marketing) Co. Ltd. (C40670)**

**Vs**

**Nazzareno sive Ronnie Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sittax t’Ottubru, 2009 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut, prevja dikjarazzjoni li d-diversi xoghlijiet – fosthom ta’ tqeghid ta’ madum ta’ l-art, *skirting*, u kmamar tal-banju – esegwiti minnu fil-blokk ta’ appartamenti 40, Triq l-Orsolini, G’Mangia, Pieta proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, ma sarux skond is-sengha w l-arti, tkkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef eltt mija w tnejn u hamsin Ewro (€5,352) rapprezentanti danni sofferti mill-istess socjeta’ attrici minhabba tali nuqqas daparti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 3145/09 intavolat kontestwalment ma’ dawn il-proceduri u bl-imghax legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

“l. *Fl-ewwel lok l-eccipjent m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici stante illi l-appalt de quo agitur gie lilu moghti minn u gie minnu ezegwit fuq inakrigu ta’ Mark Camilleri.*

*2. Fit-tieni lok, dwar l-istess appalt diga’ hemm kawza fl-ismijiet ‘**Gauci Nazareno sive Ronnie vs Camilleri Mark’** (Avviz Numru 118/2009CSH) li tinsab differita ghall-kontinwazzjoni ghall-14 ta’ Jannar 2010 u ghaldaqstant qed tinghata l-eccezzjoni tal-konnessjoni tal-kawza odjerna mal-fuq imsemmija kawza u dan a tenur tal-artikolu 739 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta’ Malta.*

*3. Fl-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ezegwixxa l-appalt lilu moghti skond l-arti u s-sengha u ma kkawza ebda danni lill-kummissjonant (li kif fuq inghad kien certu Mark Camilleri u mhux is-socjeta’ attrici.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat il-verbal ta’ Dr. Chris Cilia ghall-konvenut datat 9 ta’ Marzu 2010 (fol.8) fejn iddikjara li x-xhieda li ser jghati l-konvenut Nazzareno sive Ronnie Gauci ghandha tapplika *mutatis mutandi* fil-kawza numru 118/09 CSH fl-ismijiet **Nazzareno sive Ronnie Gacui vs Mark Camilleri** in rigward tal-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta’ **Nazzareno Gauci** moghtija minnu nhar id-9 ta’ Marzu 2010. Huwa konferma li kien jaghmel xi xoghol ghas-socjeta MRCD li tbigh il-madum, fis-sens li huma jirrakkomdawh mal-klijenti, pero’ jithallas direttament mill-klijent. Jghid li s-*salesperson* ta’ din is-socjeta’ kienet irrakomandatu ma’ Mark Camilleri li

sussegwentement talbu jaghmillu xi xoghol ta' tqeghid ta' madum fi blokka flats, fosthom it-tqeghid ta' turgien u t-tqeghid tal-kmamar tal-banju. Qal li in segwitu' kien iltaqa' fuq il-post ma' dan Mark Camilleri fi Triq l-Orsolini, G'Mangia. Jghid li dan introduca ruhu bhala Mark Camilleri izda mhux ghan-nom ta' xi kumpanija. Qal li kien tah stima fuq dak li kellu jaghmel u dan Camilleri accetaha. Jispjega li l-prezz ma kienx jinkludi l-prezz ta' materjal izda ta' idejh biss u l-materjal kellu jipprovdih Camilleri.

Qal li kien qallu li biex iqghed it-turgien ta' tliet sulari kien ser jiccargjah elf lira maltin (LM1000), kien ser izommlu bit-tliet liri Maltin (Lm3)-il metru ghall-madum ta' l-art, u mitejn lira Maltin (LM200) ghal kull karma tal-banju. Ikkonferma li karti bejniethom ma ffirmawx. Qal li kellu jaghmel xi xoghol ta' sollijiet, pero' ta' dak kellu johodlu l-qies, u fil-fatt hekk kien ghamel u mar jigborhomlu w qeghdhomlu, izda ma thallasx taghhom.

Qal li l-maggor parti tal-materjal kien gabulu Mark, ghalkemm jekk waqt ix-xoghol kienu jonqsulu xi affarijiet kien imur igibhom hu stess. Jikkonferma li kien ircieva cekk minghand Mark Camilleri fl-ammot ta' elf lira Maltin (LM1000) tax-xoghol tat-turgien li kien ghamel. Qal li dan kien intestat lil missieru w kien sarrfu, pero' kopja tieghu ma kellux. Ta' dan il-hlas kien tah ricevuta f'ismu. L-ircevuta kitibha hu stess u dwar il-VAT ma kienu tkellmu xejn.

Jghid li apparti din is-somma t'elf lira Maltin (Lm1000) Mark Camilleri ma tah l-ebda pagament iehor, u fil-fatt kien ipprezenta ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12. Qal li l-ittra huwa pprezentaha kontra Mark Camilleri personalment, u anke r-risposta tieghu giet prezentata f'ismu proprju. Qal li l-ewwel darba li kien sema' bil-kumpanija kien meta rceiva l-avviz odjern.

Rat id-dokument esebit a fol. 11 li huwa ittra ufficcjali maghmula mill-konvenut fil-konfront ta' Mark Camilleri proprio nhar l-4 ta' Novembru 2008, u minn ezami tal-affidavit annes mal-ittra ufficcjali jirrizulta li l-ilment tieghu

huwa dak li dwaru xehed f'dawn l-istess proceduri. Rat ukoll ir-risposta li pprezenta Mark Camilleri fejn irrespinga l-pretensjonijiet kollha kontenuti fl-ittra ufficcjali.

In kontro ezami nhar it-13 ta' Ottubru 2010 spjega li kuntrarjament ghal dak li qal Mark Camilleri huwa kien mar ghand il-hanut MRCD darba biss, f'isem Mark Camilleri, w gabar xi xoghol, u jghid li ghamel hekk ghaliex Mark Camilleri kellu xi debitu ma' din is-socjeta' w ghalhekk ma xtaqx imur hu stess jigbor ix-xoghol. Qal li dakinhar kien mar l-i*stores* taghhom, gabar ix-xoghol, ghabbieh gol-van, iffirma xi invoices u telaq 'l hemm. Huwa jghid li dawk l-invoices li huwa iffirma huma d-dokumenti CV1 u 2 esebiti fl-atti. Ikkonferma wkoll, fuq domanda tal-avukat tal-attur, li huwa kien ircieva s-somma ta' elf u hames mitt Lira (LM1,500) minghand Mark Camilleri u mhux is-somma ta' elf lira (Lm1000) kif kien qal qabel waqt l-ezami. Qal ukoll, wara li ra kopja tac-cekk esebit fl-atti, li c-cekk kien inghatalu vojt minghand Mark Camilleri u dan imlieh hu. Jghid ukoll li huwa qatt ma hareg ricevuta ta' dan ic-cekk, u in oltre s-somma tal-VAT kellha tinhadem wara, fl-ahhar, peress li Mark Camilleri ma kellux flus f'dawk iz-zminijiet. Huwa jghid li qatt ma ra l-kuntratt ta' akkwist li ghamel Mark Camilleri.

Rat l-affidavit ta' **Mark Camilleri** prezentat fl-atti nhar is-6 ta' Mejju 2010 (fol. 16). Din il-Qorti pero' ser taghmel referenza ghal dan l-affidavit ghar-rigward l-ewwel eccezzjoni u cioe' li l-konvenut m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici izda ma' Mark Camilleri proprio, w ghalhekk ser thalli impregudikat il-provi hemm kontenuti dwar il-mertu per se.

Jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-socjeta' attrici w ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tleit snin. Ikkonferma li s-socjeta' attrici kienet akkwistat permezz ta' kuntratt datat 14 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette (Dok FC1) minghand il-ġenituri tieghu, proprjeta' fi Triq l-Orsolini, G'Mangia fejn il-konvenut eventwalment ghamel xi xoghlijiet.

Jgid li f'Novembru 2007 huwa beda jixtri xi madum minghand il-hanut MRCD f'Hal Qormi, w l-invoices relattivi nhargu f'isem is-socjeta' attrici (Dok FC2). Ikonferma li Henriette, impjegata tas-socjeta' MRCD, kienet gharrfitu bil-konvenut u wara xi ftit ta' zmien kienu ghamlu kuntatt bejniethom. Ikkonferma dak li qal il-konvenut, li kienu ftiehmu dwar il-prezz tax-xoghol u dwar dak li kellu jaghmel il-konvenut. Qal li l-konvenut beda bix-xoghol u meta kien ikollu bzonn xi xoghol kien imur hu stess direttament ghand l-MRCD u jigbor ix-xoghol, u l-ircevuti kienu johorgu f'isem is-socjeta' attrici. Huwa kkonferma li kien ukoll ghamel pagament lill-konvenut akkont fl-ammont ta' elf u hames mitt Lira (LM1,500) kif jirrizulta minn kopja tac-cekk esebit u mmarkat bhala Dok FC3. Jghid li c-cekk inhareg mis-socjeta' attrici w ghalhekk ma jistax jifhem kif il-konvenut qed jghid li ma kienx jaf bis-socjeta' attrici. In oltre jghid ukoll li l-konvenut kellu zball meta qal li thallas is-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) ghaliex in realta' kien thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500).

Jispjega wkoll li ghall-habta ta' Ottubru jew Novembru 2008 huwa kien ftiehem mal-konvenut li kellu jlesti x-xoghol sabiex jithallas, ghaliex ma kienx lest li jghaddilu pagament iehor jekk ix-xoghol ma jkunx lest. Il-konvenut ipprezentalu l-kont tieghu li huwa esebit u mmarkat bhala Dok FC 4, liema kont huwa mahrug f'isem Mark Camilleri. Huwa jkompli jixhed fil-mertu dwar l-allegat xoghol hazin li ghamillu l-konvenut, u d-danni li huwa sofra bhala rizultat ta' dan l-ghemil tal-konvenut.

In kontro ezami jghid li huwa minnu li kien ircieva ittra ufficcjali minghand il-konvenut u li huwa kien irrispondiha, pero' ma kienx jaf 'l ghala ma semmiex is-socjeta' attrici fir-risposta tieghu. In oltre jikkonferma dak li qal il-konvenut, u cioe' li l-kuntratt ta' akkwist huwa qatt ma kien urih lil-konvenut. Jghid ukoll li veru li waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet kien hemm granet meta kien hemm bzonn xi permess minghand il-Kunsill Lokali, w jghid li gieli mar hu w gieli marru xi lavranti tieghu ghalihom. Muri l-ircevuti mmarkati bhala Dok CC1 CC2 CC3 jghid li tnejn minn

dawn il-permessi kien ghamilhom il-konvenut u l-isem M. Camilleri fuqhom huwa tieghu.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata nhar it-13 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha huwa pprezenta zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok CV1 u CV2, li huma invoices li harget is-socejta' MRCD Ltd f'isem is-socjeta' attrici, w il-Qorti nnotat li fuq id-dokument CV1 hemm in-nota li l-konsenja giet '*collected*' waqt li fuq id-dokument CV2 hemm imnizzel li l-konsenja giet '*delivered'.*

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza ser tkun limitata ghall-ewwel eccezzjoni dwar jekk il-konvenut ghandux relazzjoni guridka mas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici qed tghid apparti li ix-xoghol li ghamel il-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti, li huwa kien qed jahdem ghaliha u mhux ghad-direttur taghha personalment kif qed jikkontendi l-konvenut. Is-socjeta' attrici tibbaza l-argument taghha fuq li l-proprjeta' fejn il-konvenut hadem tappartjeni lilha, li l-invoices li hargu mis-socjeta' MRCD Ltd. dwar merkanzija li gabar il-konvenut biex hadem biha, huma intestati f'ismiha w in oltre huwa thallas pagament wiehed tramite cekk minn taghha. Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li l-kuntratt ta' akkwist tas-socjeta' attrici <u>QATT</u> ma kien rah, li huwa pprezenta ittra ufficcjali ai termini ta' l-artikolu 166A fil-konfront ta' Mark Camilleri *de proprio* u dan ma qal xejn differenti meta irrisponda ghall-ittra ufficcjali f'dan ir-rigward, u in oltre jghid li meta huwa mar jigbor il-merkanzija minghand l-MRCD dan ghamlu f'isem Mark Camilleri, f'okkazjoni wahda meta huwa ma setax imur ghaliex kellu xi debiti pendenti maghha. Dan il-fatt ahhari ma giex kontestat minnu. Il-konvenut jichad li Mark Camilleri qatt semmielu xi socjeta', w dwar ic-cekk jghid li huwa ma tax kaz min hargu, ghalih basta li jissarraf. Jghid ukoll li l-permessi li huwa ottjena minghand il-Kunsill Lokali dwar ix-xoghol li kien qed isir fi proprjeta' tas-socjeta' attrici, hargu f'isem Mark Camilleri *de proprio* u s-Sur Camilleri qatt ma qallu li kellhom jigu ntestati f'isem is-socjeta' attrici.

Konsiderazzjonijiet legali.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri ) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas servizzi ta' l-ilma et vs Emanuel Grixti** jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk*
*provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-*

*mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Ta' mortanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet **Camel Brand Co Ltd Vs Debono Michael** fejn inghad li :-

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi f'dan il-kaz il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda tal-konvenut u tad-Direttur tas-socjeta' attrici. Jidher li l-konvenut kien genwin fix-xhieda li ta w qal kif kien iltaqa' ma' Mark Camilleri w li kienu marru fuq il-post u ftiehmu fuq ix-xoghol li kellu jsir. Jghid, u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temmnux, ghaliex fil-fatt lanqas Mark Camilleri ma jichdu, li dan Camilleri qatt ma qallu li kien qed jinnegozja f'isem is-socjeta' attrici. In oltre jirrizulta li l-konvenut dejjem tratta ma' Mark Camilleri, kemm fuq il-

generu tax-xoghol li kellu jaghmel, kif ukoll fuq il-prezzijiet. Jghid li huwa kien jghamel dak li kien jigi mitlub jaghmel, kif sahansitra anke kien gie mitlub mis-Sur Camilleri, sabiex imur jigbor xi materjal minghand MRCD, pero' jghid b'mod kategoriku li huwa dejjem hadem ghal Mark Camilleri.

Mark Camilleri jghid li l-konvenut kien jaf li kien qed jahdem ghas-socjeta' u dan ghaliex fl-ewwel lok thallas permezz ta' cekk mahrug f'isem is-socjeta'. Dwar dan il-Qorti thoss li din il-prova izolata ma tikkostitwix prova konklussiva li l-konveut kien jaf li x-xoghol li kien qed jaghmel kien ghas-socjeta' attrici, *molto piu'* meta tqis li l-ircevuti li huwa kellu mill-Kunsill Lokali kienu f'isem Mark Camilleri *de prorio*. Il-Qorti ssibha difficli temmen li Mark Camilleri ma talabx lill-konvenut sabiex johrog l-ircevuti tal-Kunsill Lokali dwar il-licenzji li huwa kellu fuq il-post tax-xoghol fejn kien qed jahdem, meta s-socjeta' attrici qed tallega li x-xoghol kien qed isir ghaliha.

Is-Sur Camilleri jghid ukoll li l-invoices li harget is-socjeta' MRCD tal-materjal li l-konvenut gabar minghandhom sabiex jahdem bih, kienu f'isem is-socjeta' attrici. Il-konvenut dwar dan jghid li vera ffirma l-invoices, pero' kopja taghhom ma nghatax u in oltre huwa ma tax kaz taghhom, ghaliex kien jaf li Mark Camilleri kellu relazzjoni mas-socjeta' MRCD, tant li kienet is-socjeta' MRCD li lilu rreferietu mas-Sur Camilleri. Mark Camilleri fix-xhieda tieghu jaghti l-impressjoni li l-konvenut kien imur ta' spiss jigbor il-materjal, meta fil-fatt kif stqarr il-konvenut stess kien mar darba biss, u dan jrrizulta wkoll mill-invoice li giet esebita li fuqha hemm miktub li l-materjal kien gie *'collected'*. Is-socjeta' attrici tghid li l-proprjeta' fejn sar ix-xoghol hija taghha, pero' Mark Camilleri jghid li huwa qatt ma wera l-kuntratt tal-akkwist lill-konvenut u ghalhekk il-Qorti tistaqsi - kif ippretendiet is-socjeta' attrici li l-konvenut ikun jaf dwar dan? In oltre s-socjeta' attrici lanqas qatt ma nsistiet fuq ricevuti tal-VAT ghalkemm ghamlet pagament. Din ukoll tindika li effettivament ix-xoghol kien ta' Mark Camilleri ghaliex kieku ma kienx hekk l-ircevuti tal-VAT kienu jkunu bzonjuzi ghas-socjeta' attrici sabiex turihom bhala spejjez fir-*return* tat-taxxa taghha.

Mark Camilleri Direttur tas-socjeta’ attrici kien ircieva ittra ufficcjali minghand il-konvenut qabel ma pprezenta dan l-avviz, pero’ meta rrisponda ghalih qatt ma gharraflu li ma kellux relazzjoni guridika mieghu, izda qallu biss li effettivament it-talbiet kienu nfondati.

**Mill-analizi tax-xhieda w evalwazzjoni tal-provi w kredibilita’ tax-xhieda, l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi r-relazzjoni kienet ma’ Mark Camilleri w mhux mas-socjeta’ attrici w konsegwentement qieghda tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenut dwar li huwa m’ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------